**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 30 TA' OTTUBRU, 2001**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 727/01 AE**

**Euro Equipdata Limited**

**Vs**

**Enigma Productions Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba prezentat mis-socjeta attrici li permezz tieghu talbet il-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm312.80) hlas ghal xoghol ta' *video filming, editing* u fotografija.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet li:

(i) Rigward is-somma ta’ Lm225.40 dan gie mhallas peremzz ta’ cheque, liema cheque bi zvista kien sar *stop payment* fuqu, b’dana li tlet ijiem wara s-socjeta konvenuta ghamlet l-arrangamenti kollha sabiex ic-cekk jissarraf.

(ii) Is-somma ta’ Lm87.40 m’hijiex dovuta ghaliex is-socjeta attrici qatt ma pprovdiet dan is-servizz li jikkorrispondi ghal dan l-ammont.

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2001 u li permezz taghha rriduciet is-somma mitluba ghal sebgha u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm87.40).

Ra l-atti tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. L-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa dak li jirrizulta minn invoice numru 498 bid-data tat-13 ta’ Lulju 2001 (Dok. NC1) ghas-somma ta’ sebgha u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm87.40).

2. Il-hlas qieghed jintalab ghal xoghol ta’ ritratti u filming li saru f’pre-weddings u tigijiet. Dan ix-xoghol sar fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

3. Id-direttur tas-socjeta konvenuta (Jason Caruana) ikkonferma li x-xoghol li tieghu qieghed jintalab il-hlas kien sar. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni li giet sollevata mis-socjeta konvenuta ma tistax tregi in kwantu fiha jinghad li s-socjeta attrici ma tatx is-servizz li tieghu qieghed jintalab il-hlas.

4. Fil-kors tas-smiegh tal-provi s-socjeta konvenuta bidlet il-linja ta’ difiza. Illum qeghda tikkontendi li l-hlas m’huwiex dovut peress li f’Gunju 2001 id-direttur tas-socjeta attrici kien issellef is-somma ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125) minghandha. Skond Jason Caruana l-ftehim kien li dan l-ammont kellu jithallas lura billi jitnaqqas direttament minn invoices ghal xoghol li jkun sar mis-socjeta attrici. Fil-fatt Jason Caruana xehed li huwa ghandu jiehu u mhux jaghti flus lis-socjeta attrici billi x-xoghol li jissemma fl-invoice in kwistjoni kien l-ahhar xoghol li ghamlet is-socjeta attrici. Qal ukoll li meta r-rapprezentant tas-socjeta attrici tah l-invoice in kwistjoni, *“jiena ma ghidtlu xejn”*.

5. Min-naha l-ohra d-direttur tas-socjeta attrici cahad kategorikament li qatt ha xi self minghand is-socjeta konvenuta matul ix-xahar ta' Gunju 2001 fl-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125).

6. Jidher ghalhekk li s-socjeta konvenuta qeghda issa tippretendi li sehhet tpacija.

7. Illi huwa risaput li t-tpacija *"ssir ipso jure, u, anki minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor safejn ikunu ndaqs. <u>Imma l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ipso jure ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra</u>"* (**Paul Abela nomine vs Paul Laferla nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1953 – Vol. XXXVII.490). Fil-kawza fl-ismijiet l-avukat **Dr. Jose' Herrera nomine vs Victor Tabone nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru 1995 inghad dwar kreditu li kien kuntestat u li kien hemm provi konfliggenti dwaru li: *"la hu cert u likwidu u lanqas determinat bhala dovut. Ma tistax allura f'din il-kawza ssir kompensazzjoni per via di eccezione. Seta' kien possibbli dan li kieku l-Qorti kellha quddiemha l-kontro-talba. Dan ukoll ghaliex il-pretensjoni tal-konvenut appellat mhix wahda ta' facli determinazzjoni u tinvolvi ezami ta' l-akkordju ta' likwidazzjoni milhuq bejn iz-zewg socjetajiet"*. B'danakollu huwa maghruf ukoll li *"biex ikun hemm lok ghall-kompensazzjoni giudizzjali ma hemmx bzonn illi l-kreditu jkun likwidu, u illi l-kazi l-aktar frekwenti huma*

*dawk fejn jigi oppost kreditu illikwidu;* ***imma meta l-kreditu dedott in kompensazzjoni ma jkunx ta' soluzzjoni facli u pronta, il-Qorti ma ghandhiex taghti widen lill-eccezzjoni tal-kompensazzjoni"*** (**Giuseppe Mifsud vs Carmelo Aquilina** – deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Novembru 1934 – Vol. XXIX.iii.33) [ara wkoll sentenza riportata fil-Volum XVIII.i.79).

8. Illi huwa fatt ikkontestat li s-socjeta konvenuta ma semmiet xejn fir-risposta taghha dwar il-fatti li allegat fil-kors tax-xhieda li nghatat mid-direttur taghha u minn impjegat ta' l-istess kumpannija. F'dik il-parti tar-risposta (fol. 8) li fiha s-socjeta kellha tghid *"jekk intix qed tikkontesta t-talba li qed issir kontrik. Jekk dan hu l-kaz spjega x'ma taqbilx mieghu u ghaliex"*, m'hemm ebda hjiel tad-difiza li harget biha s-socjeta konvenuta waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2001 meta xehed ir-rapprezentant taghha. Ghalkemm skond l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali numru 145 ta' l-1995 is-socjeta konvenuta kellha wkoll l-opportunita li fl-ewwel seduta titlob l-awtorizazzjoni tat-Tribunal sabiex jordna tibdil fil-kontenut tar-risposta (seduta tat-12 ta' Ottubru 2001 li fiha dehru l-partijiet assistiti), dan m'ghamlitux lanqas. Lanqas ma rrizulta mill-provi li tressqu li s-socjeta attrici qatt giet interpellata thallas il-bilanc li s-socjeta konvenuta qeghda tallega li fadal x'jithallas. Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta iddikjara li l-flus kien silifhom personalment lil Noel Calleja ghal ragunijiet personali u li kien hemm ftehim li dawn kellhom jitnaqqsu mill-invoices li tohrog is-socjeta attrici. Min-naha tieghu Noel Calleja cahad kategorikament li qatt issellef is-somma ta' mija u hamsa u

ghoxrin lira Maltija (Lm125) u/jew li sar xi ftehim li dak l-ammont kellu jithallas lura billi jitnaqqas mill-invoices li jinhargu mis-socjeta attrici ghax-xoghol li tkun ghamlet. Ix-xhud Christopher Baldacchino, li huwa mpjegat mas-socjeta konvenuta, ma semma xejn dwar l-allegat ftehim ta' kif kellu jithallsu lura l-flus li allegatament gew mislufa lil Noel Calleja.

9. Il-fatt li kien hemm okkazzjoni meta Noel Calleja (ir-rapprezentant tas-socjeta attrici) silef xi flus minghand Jason Caruana (ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta) sabiex ta' l-ewwel jixtri *jeans*, fil-fehma tat-Tribunal m'huwiex rilevanti.

10. Wara li t-Tribunal qies il-fatturi u c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, huwa tal-fehma li t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstat u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm87.40).

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**